



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0209(COD)

6077/20
ADD 1

ENV 80
CLIMA 31
ENER 27
CADREFIN 23
CODEC 113

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013
– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal Regolament li jstabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE). Il-proposta tiffirma parti minn sensiela ta' programmi ta' finanzjament tal-Unjoni proposti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perijodu mill-2021 sal-2027.
2. Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Parlament adotta sett ta' emendi għall-proposta bil-ħsieb li jidħol f'negozjati mal-Kunsill¹.
3. Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali² li jwarrab fil-ġenb (bejn parentesi) id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali marbuta mal-QFP sakemm jintlaħaq qbil mill-Kunsill Ewropew dwar il-QFP.
4. Wara negozjati tat-trilogu, il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar "Fehim Komuni" dwar id-dispożizzjonijiet kollha mhux bejn parentesi li ġie kkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-20 ta' Marzu 2019³.
5. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ fejn approva l-Fehim Komuni u adotta għadd limitat ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni dwar it-test li fadal.

¹ Dokument 15312/18.

² Dokumenti 15489/18 + COR 1.

³ Dokument 7479/1/19 REV 1.

⁴ Dokument 8654/19.

6. Wara l-qbil tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP fil-laqgħa tiegħu tas-17 - 21 ta' Lulju 2020⁵ u l-qbil sussegwenti dwar ir-Regolament dwar il-QFP⁶ u l-Ftehim Interistituzzjonali marbut miegħu⁷, in-negozjati dwar il-proposta reġgħu bdew u rriżultaw fi qbil proviżorju bejn il-Kunsill u l-Parlament fis-17 ta' Diċembru 2020.
7. Il-qbil proviżorju ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-13 ta' Jannar 2021 u mill-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2021.
8. Fi ... 2021, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-Artikolu 294(5) TFUE.

II. OBJETTIV

9. L-għan tar-Regolament propost dwar il-Programm LIFE huwa li jistabbilixxi l-istrument ta' finanzjament tal-Unjoni għall-ambjent u l-azzjoni klimatika għall-perijodu mill-2021 sal-2027. Il-Programm LIFE għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni, l-aġġornament u l-iżvilupp tal-politiki u l-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika tal-Unjoni billi jikkofinanzja proġetti b'valur miżjud Ewropew. Ser jissuċċedi għall-Programm LIFE għall-2014 sal-2020 u jissostitwih kif stipulat fir-Regolament 1293/2013/UE.

⁵ Dokument EUCO 10/20.

⁶ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

⁷ Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hija r-riżultat tal-kuntatti informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill kif previsti mid-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni⁸.

Il-kompromess li nstab bejn l-istituzzjonijiet fih, fost oħrajn, l-elementi ewlenin ippreżentati hawn taħt.

Ġenerali

11. Ġiet segwita l-istruttura tal-Programm LIFE, b'mod partikolari d-diviżjoni f'oqsma u sottoprogrammi, kif propost mill-Kummissjoni, inkluż l-integrazzjoni tal-finanzjament b'appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa, li sa issa kienet iffinanzjata taħt Orizzont 2020.

Fir-rigward tal-oġġettivi tal-Programm LIFE stipulati fl-Artikolu 3, dawn saru aktar fid-dettall u ġew iċċarati aktar. B'mod partikolari, żdiedet l-enfasi fuq in-natura u l-bijodiversità biex ikun issottolinjat li din il-parti hija ċentrali għall-Programm LIFE. Ġiet inkluża referenza għal ekonomija newtrali għall-klima, kif ukoll referenza speċifika għall-appoġġ lill-implimentazzjoni ta' programmi ta' azzjoni ġenerali tal-Unjoni biex tkun espliċitament prevista l-konsiderazzjoni tas-suċċessur tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali⁹.

⁸ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

⁹ FI-14 ta' Ottubru 2020 ġiet ippreżentata proposta għat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (Proposta għal Deċiżjoni dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030) - dokument 11987/20 - COM(2020) 652 final.

Kwistjonijiet ewlenin

Pakkett finanzjarju (Artikolu 5)

12. Id-daqs tal-pakkett finanzjarju għall-Programm LIFE jirrifletti l-qbil li ntlaħaq fil-Kunsill Ewropew dwar il-QFP u l-qbil sussegwenti dwar ir-Regolament dwar il-QFP, li rriżulta fi tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni. Id-distribuzzjoni tal-pakkett finanzjarju ssegwi d-distribuzzjoni bejn l-oqsma u s-sottoprogrammi proposti mill-Kummissjoni.

L-integrazzjoni tal-klima u l-ambizzjoni tal-bijodiversità

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill (l-Artikolu 19(5) u l-premessa 29) tirrifletti l-qbil li ntlaħaq tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP u l-qbil sussegwenti dwar ir-Regolament dwar il-QFP biex tiżdied il-mira għal infiq relatat mal-klima fil-baġit kollu minn 25 % għal mill-inqas 30 %. 61 % tal-pakkett finanzjarju ta' LIFE huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-kisba ta' dik il-mira.
14. L-importanza tal-infiq relatat mal-bijodiversità u tal-iżvilupp ta' metodi ta' traċċar għal tali infiq ġiet enfasizzata billi ġie ankrat fil-Programm LIFE l-qbil li ntlaħaq dwar l-ambizzjoni tal-bijodiversità fil-Ftehim Interistituzzjonali marbut mal-QFP. B'hekk, il-Programm LIFE għandu jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-bijodiversità fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba tal-ambizzjoni ġenerali li 7,5 % tal-infiq annwali taħt il-QFP jiġi ddedikat għall-oġġettivi tal-bijodiversità fl-2024 u li 10 % tal-infiq annwali taħt il-QFP jiġi ddedikat għall-oġġettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027, filwaqt li jitqiesu s-sovrappożizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet tal-klima u tal-bijodiversità (l-Artikolu 19(5) u l-premessa 16).

Implimentazzjoni tal-finanzjament (Artikolu 9)

15. Ġie previst qafas aktar dettaljat għall-implimentazzjoni tal-finanzjament li jiżgura li l-finanzjament ikun dirett lejn azzjonijiet u proġetti prijoritizzati. B'hekk, mill-inqas 85 % tal-baġit għall-Programm LIFE jrid jiġi allokat għal għotjiet biex jiġu ffinanzjati, fost oħrajn, proġetti strateġiċi dwar in-natura taħt is-sottoprogramm Natura u Bijodiversità, proġetti integrati strateġiċi taħt is-sottoprogrammi relatati mal-ekonomija ċirkolari u l-azzjoni klimatika u proġetti relatati ma' assistenza teknika.
16. Barra minn hekk, ir-rati massimi ġenerali ta' kofinanzjament ġew stabbiliti fir-Regolament LIFE innifsu f'livelli li huma meħtieġa biex jinżamm il-livell effettiv ta' appoġġ previst mill-Programm. B'żieda ma' dan, u sabiex titqies l-adattabbiltà li hija meħtieġa b'risposta għall-firxa eżistenti ta' azzjonijiet u entitajiet, għandhom jiġu stabbiliti rati ta' kofinanzjament speċifiċi fil-programmi ta' ħidma pluriennali.

Kriterji tal-għotjiet u bilanċ ġeografiku (Artikoli 9 u 11(4))

17. Kien hemm qbil li tingħata aktar direzzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni tal-finanzjament kemm f'termini ta' kriterji tal-għotjiet kif ukoll fit-tiftix ta' bilanċ ġeografiku fil-Programm LIFE. Jissemma espliċitament li l-kwalità hija l-kriterju predominanti li jiggverna l-għoti ta' proġetti taħt il-Programm LIFE u li l-Kummissjoni għandha ssegwi kopertura ġeografika effettiva u bbażata fuq il-kwalità fl-Unjoni kollha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Programm fl-UE kollha u biex tiġi promossa kwalità għolja tal-proposti tal-proġetti, ser jiġi pprovdut finanzjament għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet relatat mal-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni effettiva fil-proġetti taħt il-programm LIFE. L-ammont massimu allokat għal għotjiet għall-appoġġ tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri li jkollhom "parteċipazzjoni effettiva baxxa" huwa ta' EUR 15-il miljun b'rati massimi ta' kofinanzjament li ma jaqbżux il-95 % tal-kostijiet eliġibbli għall-proġetti.

Programmi ta' ħidma pluriennali (Artikolu 18)

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tipprevedi tul ta' erba' snin għall-ewwel programm ta' ħidma pluriennali u tliet snin għat-tieni programm ta' ħidma pluriennali. Barra minn hekk, sabiex tinkwadra u tidderieġi aħjar l-ipprogrammar tal-azzjonijiet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni tistipula f'aktar dettall l-elementi li għandhom ikunu inklużi f'dawk il-programmi ta' ħidma, fost oħrajn:
- indikaturi tal-prestazzjoni għal kull sottoprogramm;
 - tqassim u speċifikazzjoni ulterjuri tal-allokkazzjoni tal-fondi, inkluż indikazzjonijiet dwar l-ammonti massimi għal ċerti tipi ta' għotjiet u rati ta' kofinanzjament (li jirriflettu d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-finanzjament);
 - skedi indikattivi għas-sejħiet għal proposti, il-proċedura tal-għażla u l-kriterji tal-għotjiet għas-sottomissjonijiet ta' proġetti.

Il-Kummissjoni trid tiżgura konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati waqt l-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma.

19. Il-proċedura għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma pluriennali issa hija speċifikata fir-Regolament dwar LIFE. Dawn ser jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Tul ta' żmien u retroattività (Artikoli 1 u 26)

20. Fil-proposta tal-Kummissjoni, il-Programm LIFE ma kellux limitu ta' żmien. Sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tagħmel proposta ġdida għal programm dwar il-finanzjament għall-ambjent u l-azzjoni klimatika għall-QFP li jmiss, u b'hekk il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jirrevedu l-oġettivi u l-prijoritajiet flimkien mal-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill tispeċifika li l-Programm LIFE jkun stabbilit għall-perijodu tal-QFP 2021 sal-2027. It-tul ta' żmien tal-Programm LIFE huwa allinjat mat-tul ta' żmien tal-QFP.

Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u mingħajr interruzzjoni bejn il-Programm LIFE preċedenti (2014 sal-2020) u l-Programm LIFE l-ġdid u biex il-bidu tal-Programm LIFE jiġi allinjat ma' dak tal-QFP, hija prevista applikazzjoni retroattiva. Il-Programm LIFE għandu b'hekk japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Kwistjonijiet oħra

21. It-test tar-Regolament ġie aġġornat sabiex jirrifletti l-iżviluppi fil-politika dwar l-ambjent u dik dwar il-klima, b'mod partikolari billi ddaħħlu referenzi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.
22. Il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm LIFE (l-Artikolu 6) hija appoġġata (li jirrifletti wkoll il-qbil tal-Kunsill Ewropew f'Lulju 2020). Fir-rigward tal-finanzjament ta' attivitajiet barra mill-UE, il-pożizzjoni tal-Kunsill iżżid dispożizzjoni speċifika u limitata dwar il-finanzjament ta' appoġġ għall-organizzazzjoni ta' konferenzi multilaterali barra mill-UE (l-Artikolu 11(5)).
23. Xi dispożizzjonijiet u premessi ta' natura orizzontali ġew aġġustati biex ikun hemm allinjament bejn il-programmi ta' finanzjament tal-QFP (b'mod partikolari l-Artikolu 16).
24. Il-Kummissjoni pproponiet li ttejjem l-użu tal-logo speċifiku ta' LIFE iżda fil-pożizzjoni tal-Kunsill (Anness III) dan inżamm.

IV. KONKLUŻJONI

25. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess ġie kkonfermat mill-ittra tal-President tal-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bid-data tal-15 ta' Jannar 2021. F'din l-ittra, il-President tal-Kumitat ENVI indika li dment li l-Kunsill jadotta bħala l-pożizzjoni tiegħu tal-ewwel qari t-test maqbul proviżorjament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, il-President jirrakkomanda li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.
-